MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2007

Appell Civili Numru. 29/2006/1

**Hix Limited**

**v.**

**Avukat Ġenerali u Joseph Anthony Gasan, Paola mart Tonio Ganado, Silvia mart Igino Trapani Galea Feriol, Veronica mart Michael Soler, Andrew Ganado, Lisa Bradshaw, Christian Ganado, Bettina Azzopardi, Michael Trapani Galea, Greta Trapani Galea, Paul Trapani Galea, Nicholas Trapani Galea, Sarah Gasan, David Gasan, Mark Gasan, Louisa Borg, John Soler u Stephanie Soler**

**Il-Qorti:**

**1.** Dan hu provvediment limitat ghall-kwistjoni, sollevata *ex officio* minn din il-Qorti fl-udjenza tad-19 ta’ Novembru 2007, dwar jekk l-appell ta’ Hix Limited tal-5 ta’ Mejju 2007, hux proceduralment ammissibbli.

**2.** Permezz ta’ rikors prezentat quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kompetenza kostituzzjonali u “konvenzjonali” taghha fid-9 ta’ Mejju 2006, is-socjeta` appellanti, allura rikorrenti, kienet talbet lil dik il-Qorti tiddikjara (1) li fil-kors ta’ proceduri kemm quddiem il-Bord li jirregola l-Kera kif ukoll quddiem il-Qorti ta’ l-Appell kien gie vjolat id-dritt ta’ l-imsemmija socjeta` ghal smigh xieraq kif protett bl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u bl-Artikolu 6 tal-Kovenzjoni Ewropea, (2) tiddkjara nulli u bla effett id-decizjoni ta’ l-imsemmi Bord tal-1 ta’ April 2003, fl-ismijiet **Joseph Anthony Gasan v. Hix Limited** kif ukoll is-sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell (li kkonfermat dik tal-Bord) tal-10 ta’ Marzu 2004, (3) tiddikjara lill-intimati responsabbli ghad-danni materjali u morali sofferti mill-istess socjeta` “kawza ta' l-agir illegali u abuziv ta’ l-intimati”, (4) tillikwida dawn id-danni u tikkundanna lill-intimati (appellati odjerni) ihallsuhom, u (5) taghti kull rimedju iehor neccessarju u opportun.

**3.** Il-Prim Awla tal-Qorti Civili, b’sentenza moghtija fit-22 ta’ Gunju 2007, mhux biss cahdet it-talbiet rikorrenti izda ddikjarat mill-ewwel u bla tlaqliq li l-istess talbiet kienu semplicement frivoli u vessatorji fit-termini ta' l-Artikoli 46 u 4 tal-Kostituzzjoni u tal-Kap. 319 rispettivament, u addirittura ghaddiet biex applikat il-paragrafu 10(1) tat-Tariffa A tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili u ordnat lis-socjeta` Hix Limited thallas lir-Registratur spejjez addizzjonali ta’ Lm400.

**4.** Kif inghad, is-socjeta` Hix Limited appellat. Fl-ewwel dehra quddiem din il-Qorti mizmuma fid-19 ta’ Ottubru 2007, giet attirata l-attenzjoni tal-partijiet mill-istess Qorti ghall-fatt li d-disposizzjoni tas-subartikolu (5) ta’ l-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni, kif ukoll id-disposizzjoni tas-subartikolu (5) ta’ l-Artikolu 4 tal-Kap. 319 jipprovdu

testwalment illi: “Ma jkunx hemm appell minn xi decizjoni skond dan l-artikolu li xi talba jew it-tqanqil ta’ xi kwistjoni tkun semplicement frivola jew vessatorja”. Id-decizjoni tal-lum hija ghahekk limitata ghal jekk l-appell hux ammissibbli fl-ewwel lok.

**5.** Jigi precizat li fir-rikors ta’ appell taghha s-socjeta` appellanti mhix tilmenta li kien hemm xi abbuz procedurali da parti ta’ l-ewwel Qorti – cioe` tal-Prim Awla fil-kompetenza kostituzzjonali jew “konvenzjonali” taghha – izda semplicement qed tghid ossia tadduci bhala aggravju (1) li l-ewwel Qorti “naqset li tifhem il-hsieb, il-motivazzjoni u l-gustifikazzjoni wara r-rikors” taghha tad-9 ta’ Mejju 2006, u (2) li “ma kien hemm ebda vessatorjeta` jew frivolezza fit-talbiet” taghha. Bazikament, is-socjeta` appellanti qed tghid li hadd ma fehem xejn – la l-Bord li Jirregola l-Kera, la l-Qorti ta’ l-Appell u lanqas il-Prim Awla – hlief hi, u li ghalhekk is-sentenza ta’ l-ewwel Qorti tat-22 ta’ Gunju 2007, ghandha tigi revokata u ghandhom jintlaqghu it-talbiet fir-rikors promotorju.

**6.** Tajjeb f’dana l-istadju li jigi riprodott x’qalet il-Prim Awla fis-sentenza appellata:

"Din il-Qorti tħoss illi għandha tgħid bla tlaqliq illi din il-kawża miftuħa mis-soċjetà rikorrenti *Hix Limited* hija abbuż flagranti u sfaċċat tal-proċess ġudizzjarju, maħsuba biex tkompli ddewwem l-esekuzzjoni ta’ sentenza ta’ żgumbrament mogħtija kontra tagħha mill-Bord li Jirregola l-Kera u mwettqa mill-Qorti ta’ l-Appell, u wara wkoll illi lir-rikorrenti ma seħħilhiex li tħassar dik is-sentenza wara talba għal ritrattazzjoni li kienet ukoll miċħuda.

"Il-fatti relevanti huma dawn:

"Is-soċjetà rikorrenti kienet tikri fond mingħand l-intimati Joseph Anthony Gasan *et* u ngħatat il-jedd tinqeda bil-fond “għal kull ġeneru ta’ kummerċ u bħala *garage* tal-*car hire*”. Is-sidien talbu lill-Bord li Jirregola l-Kera jagħtihom is-setgħa illi ma jġeddux il-kiri għax, fost ħwejjeġ oħra, ir-rikorrenti bidlet l-użu tal-fond.

"Ir-rikorrenti ressqet l-argument illi l-kiri kien ta’ remissa u illi l-ftehim kien jagħtiha s-setgħa, u mhux l-obbligu, li tinqeda bil-fond għal kull ġeneru tal-kummerċ u biex jinżammu karrozzi fih.

"Fir-rikors tal-lum qalet illi l-bord ma qiesx dan l-argument; dan, iżda ma hux minnu. Il-bord fis-sentenza tinterpreta l-patt dwar l-użu tal-fond li jfisser illi “l-fond kellu jintuża għal negozju u mhux għal xi attività li ma hiex kummerċjali”. Billi mbagħad sab illi “l-fond ma hu qed jintuża għal ebda sura ta’ negozju”, u illi “l-fond inkera għall-ħidma kummerċjali imma issa ilu s-snin ma jintuża għalhekk”, u għalhekk “jirriżulta abbandun tal-fond”, il-bord laqa’ t-talba ta’ Joseph Anthony Gasan *et*.

"Ir-rikorrenti appellat minn din is-sentenza u l-aggravju ewlieni tagħha, fi kliem ir-rikors ta’ l-appell, “huwa dirett kontra r-raġunament tal-Bord li Jirregola l-Kera illi l-fond … … … huwa fi stat ta’ abbandun għaliex «ma hu qed jintuża għal ebda sura ta’ negozju»”, għax il-fond kien inkera mhux bħala *garage* iżda bħala remissa.

"Il-Qorti ta’ l-Appell, iżda, ma qablitx ma’ dan l-argument tar-rikorrenti għax qablet mal-konklużjoni ta’ fatt tal-bord illi l-fond inkera “għal kull ġeneru ta’ kummerċ u bħala *garage* tal-*car hire*”. Qablet ukoll mal-konklużjoni ta’ fatt tal-bord illi fil-fond ma kien hemm ebda attività kummerċjali u illi l-fond kien ilu ħafna snin ma jsir użu minnu. Għalhekk ċaħdet l-appell.

"Issa r-rikorrenti qiegħda tgħid illi l-bord u l-Qorti ta’ l-Appell ma qisux l-argument ewlieni tagħha illi hija kellha l-jedd, mhux l-obbligu, illi tinqeda bil-fond għar-raġunijiet imsemmija fil-kitba tal-kuntratt ta’ kiri; preżumibbilment, mela, setgħet ma tinqediex bil-fond għal dawk ir-raġunijiet.

"Dak l-argument, iżda, kien miċħud għax il-bord u l-Qorti ta’ l-Appell sabu illi l-fond kellu jintuża għall-kummerċ jew bħala *car hire garage*. Jidher ċar illi dak li qiegħda tfittex ir-rikorrenti hu li tagħmel appell ieħor mis-sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell, għalkemm taħt il-libsa ta’ kawża għall-ħarsen ta’ jeddijiet fondamentali. Dan iżda huwa abbuż

ta’ dawn il-proċeduri, għax is-setgħa tal-Qorti f’kawżi bħal dik tallum ma hijiex li terġa’ tqis il-meritu ta’ kawża maqtugħa minn Qorti oħra – kif qiegħda tippretendi r-rikorrenti – iżda li tara kienx hemm ksur ta’ jedd imħares taħt il-Kostituzzjoin jew taħt il-Konvenzjoni.

"Għal dawn ir-raġunijiet it-talbiet tar-rikorrenti għandhom jiġu miċħuda.

"Il-qorti għalhekk taqta’ l-kawża billi:

1. tiċħad it-talbiet tas-soċjetà rikorrenti; u

2. tgħid, għal dak li jgħid u jrid l-Art. 46 tal-Kostituzzjoni u l-Art. 4 ta’ l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea [Kap. 319], illi t-talbiet tas-soċjetà rikorrenti huma sempliċement frivoli u vessatorji.

"Tikkundanna lir-rikorrenti tħallas l-ispejjeż kollha tal-kawża, u, billi wkoll hija tal-fehma illi din il-proċedura mibdija mir-rikorrenti kienet waħda fiergħa u vessatorja, wara li rat il-paragrafu 10(1) tat-Tariffa A mehmuża mal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, tordna lis-soċjetà rikorrenti tħallas lir-Reġistratur tal-Qrati spejjeż addizzjonali ta’ erba’ mitt lira (Lm400)."

**7.** Il-Qorti, ezaminat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta` appellanti tat-23 ta' Novembru, 2007. Issa, il-konsegwenza ta’ dikjarazzjoni fid-dispozittiv tas-sentenza li talba (jew it-tqanqil ta’ kwistjoni) hija semplicement frivola jew semplicement vessatorja giet ezaminata *funditus* minn din il-Qorti fis-sentenza taghha tas-16 ta’ Mejju 2006, fl-ismijiet **Lawrence Grech v. L-Avukat Generali et**. – ara wkoll id-diversi sentenzi msemmija f’dik is-sentenza – u din il-Qorti ma tarax li ghandha ghalfejn toqghod tahli z-zmien tirrepeti dak li hu stabbilit bhala gurisprudenza cara. F’dan il-kaz, kif inghad, fir-rikors ta’ appell ma gie allegat ebda abbuz jew xi haga ohra gravi jew impellenti li jistghu jimmotivaw lil din il-Qorti li tinjora, imqar jekk temporanjament, id-divjet ta’ appell li l-legislatur ried li jkun hemm meta jkun hemm id-dikjarazzjoni ta’ frivolezza jew vessatorjeta` kif aktar 'l fuq

imsemmi. Isegwi, ghalhekk, li f'dan il-kaz l-appell interpost fil-5 ta' Mejju 2007, huwa irritu u null ghax ghalih josta l-Artikolu 46(5) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 4(5) tal-Kap. 319.

**8.** Ghall-motivi premessi tiddikjara l-appell irritu u null u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tieghu. L-ispejjez ta' din l-istanza jithallsu mis-socjeta` appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------